GWIDA

ANNESS GĦAS-SEJĦA GĦAL ESPRESSJONI TA' INTERESS
ĦOLQIEN TA' BAŻI TA' DATA
Persunal bil-kuntratt (grupp ta' funzjonijiet IV) fil-qasam tal-komunikazzjoni:
Uffiċjal tal-Istampa u Maniġer tal-Komunità

Biex tapplika għal din il-bażi ta' data, irid ikollok kont fuq il-pjattaforma APPLY4EP. L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu biss permezz ta' dik il-pjattaforma.

# 1. Il-ħolqien ta' kont u l-mili tal-formoli tal-applikazzjoni

Tista' toħloq kont wieħed biss. Biex toħloq il-kont tiegħek, mur fuq https://apply4ep.gestmax.eu/search/index/lang/mt_MT u aqra l-informazzjoni bir-reqqa.

Ikklikkja fuq *Applika online*. Daħħal l-informazzjoni obbligatorja kollha indikata b'asterisk.

Imbagħad ikklikkja fuq *Il-fażi li jmiss*. Tella' l-*curriculum vitae* tiegħek fil-format tal-Europass (https://europa.eu/europass/select-language?destination=/node/1) u imla d-dikjarazzjonijiet.

Fl-aħħar nett, ikklikkja fuq *Li jmiss* u imla l-partijiet obbligatorji kollha indikati b'asterisk fl-applikazzjoni tiegħek.
Għall-esperjenza professjonali, għandek tagħti deskrizzjoni dettaljata tad-dmirijiet li wettaqt **(billi żżid ukoll il-kodiċi(jiet) taħt *Deskrizzjoni tal-funzjoni*, jekk applikabbli, kif imsemmi hawn taħt**). Jeħtieġlek ittella' l-fajls rilevanti kollha (eż. ċertifikati minn impjegaturi preċedenti, ittri ta' reklutaġġ, deskrizzjonijiet tal-impjieg, kuntratti, rendikonti tal-paga, eċċ.) f'dokument wieħed, preferibbilment fil-format pdf.
Fir-rigward tal-lingwi, il-lingwa 1 tiegħek titqies bħala l-lingwa materna u l-lingwa 2 tiegħek titqies bħala t-tieni lingwa li taf l-aħjar (għal din is-sejħa għal espressjoni ta' interess din għandha tkun **l-Ingliż**). Jekk il-lingwa 1 tkun l-Ingliż, ikun meħtieġ għarfien sodisfaċenti (livell B2) ta' waħda mit-23 lingwa uffiċjali l-oħra tal-Unjoni Ewropea.
Mhuwiex obbligatorju li tippreżenta dokument ġustifikattiv biex tagħti prova tal-għarfien tal-lingwa tiegħek.
Għad-diplomi, għandek iddaħħal id-dettalji tad-diploma/i tal-edukazzjoni sekondarja, id-diploma/i postsekondarja/i u/jew id-diploma/i universitarja/i tiegħek. Jeħtieġlek ittella' kopja ta' kull diploma f'dokument wieħed, preferibbilment fil-format pdf. Jekk id-diploma tiegħek tkun maħruġa minn pajjiż terz, din trid tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni ta' ekwivalenza maħruġa minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

Kwalunkwe dokument li ma jiġix mehmuż mal-formola online u jintbagħat mod ieħor, ma jiġix ikkunsidrat. Jekk jogħġbok kun af li d-dokumenti fil-format DOC, DOCX, GIF, JPG, TXT, PDF, PNG jew RTF li jiċċertifikaw l-esperjenza professjonali u l-kwalifiki jistgħu jittellgħu f'APPLY4EP. L-ebda dokument ma jista' jkun akbar minn 5 MB.

Iċċekkja l-kont tal-APPLY4EP tiegħek regolarment. Qis li d-dettalji ta' kuntatt reġistrati tiegħek, inkluż in-numru tat-telefon u l-indirizz tal-email tiegħek, ikunu aġġornati. Is-servizzi ta' reklutaġġ jistgħu jippruvaw jikkuntattjawk bit-telefon jew bl-email. Tista' taġġorna d-dettalji ta' kuntatt tiegħek billi tilloggja fil-kont tal-kandidat tiegħek.

# KODIĊIJIET SPEĊJALI

Il-kodiċijiet (eż. [MJ], l-istess bil-lingwi kollha) huma maħsuba biex jippermettu l-identifikazzjoni tal-kandidati b'ħiliet tekniċi u speċifiċi. Kull kodiċi jaqbel ma' ħila speċifika (ara hawn taħt). Il-kandidati huma mitluba jużaw dawn il-kodiċijiet fl-applikazzjoni tagħhom għall-parti dwar ***l-Esperjenza Professjonali***. Għal kull esperjenza, jekk rilevanti, il-kandidati huma mistiedna jżidu kodiċi wieħed jew aktar fit-taqsima ***Deskrizzjoni tal-funzjoni*** biex jenfasizzaw ċerti ħiliet meta jiddeskrivu dik l-esperjenza professjonali. Il-kandidati jistgħu jużaw aktar minn kodiċi wieħed, skont il-formazzjoni tagħhom. Il-kandidati jistgħu jpoġġu l-kodiċi(jiet) għal kull esperjenza fl-aħħar tal-kaxxa tat-test għad-deskrizzjoni tal-funzjoni. Fir-ritratt tal-iskrin hawn taħt, sib eżempju ta' dan.

Il-kandidati jistgħu jużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

**<u>Uffiċjali tal-Istampa</u> – Media – Kodiċijiet speċjali li għandhom jintużaw, jekk applikabbli:**

- [MJ] Ġurnaliżmu
- [MN] Media Nazzjonali
- [MD] Media Diġitali
- [MPSO] Organizzazzjoni ta' Seminars għall-Istampa
- [MRM] Ġestjoni tar-Relazzjonijiet mal-Media
- [MEU] Affarijiet tal-UE

**<u>Maniġers tal-Komunità</u> – Media Soċjali (SM) – Kodiċijiet speċjali li għandhom jintużaw, jekk applikabbli:**

- [SMCM] Ġestjoni tal-Komunità
- [SMDOLC] Komunikazzjoni Diġitali/Online
- [SMSMP] Pjattaformi/Ġestjoni tal-Media Soċjali
- [SMCRM] Ġestjoni tar-Relazzjonijiet mal-Klijenti
- [SMNEU] Affarijiet Nazzjonali u tal-UE

Ritratt tal-iskrin dwar fejn iżżid il-kodiċi(jiet):



Your account | Declarations | Application form

Professional experience

List and describe your relevant experience starting with the most recent.

| | |
|---|---|
| Start | 01/01/2020 |
| Ongoing experience | ☑ |
| Name of the employer | European Parliament |
| Address of the employer | Rue Wiertz 60 |
| Job title | Staff File Manager |
| Job content | - Managing files of staff members and assisting the service with general administrative tasks.<br>- Project coordination on different events and topics.<br>[CODE] |
| Supporting document | CHOOSE ANOTHER FILE blank pdf.pdf Successfully uploaded |
| Do you wish to add more professional experience? | Yes, I wish to add 1 item |

## 2. Opportunitajiet indaqs

Il-Parlament Ewropew jiżgura li jevita kull forma ta' diskriminazzjoni.

Huwa japplika politika ta' opportunitajiet indaqs u jaċċetta l-applikazzjonijiet mingħajr ebda diskriminazzjoni, bħal pereżempju diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, il-kulur tal-ġilda, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjonijiet politiċi jew oħrajn, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabilità, l-età, l-orjentament sesswali, l-istat ċivili jew is-sitwazzjoni tal-familja.

## 3. Protezzjoni tad-data personali

Il-Parlament Ewropew, bħala l-korp responsabbli għall-organizzazzjoni tas-selezzjonijiet, jiżgura li d-data personali tal-kandidati tiġi pproċessata fir-rispett sħiħ tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 295 tal-21 ta' Novembru 2018).